MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 311/2008

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Anthony Borg, iben Joseph, imwieled il-Gżira fit-12 ta' awissu, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' frar, 2008, għal habta tal-10.30 p.m. minn ġewwa l-fond bl-isem Igra 2, Triq Sir William Reid, Gżira kkometta serq ta' kartiera tal-flus li kien fih żewġ credit cards, HSBC Quickcash card, kif ukoll HSBC Visa card, għad-dannu ta' Martin Gauci minn Bormla u l-HSBC plc;
2. talli fl-istess data u ċirkostanżi, bejn il-11.35 p.m. u il-11.50 p.m. ikkometta serq ta' ħames mitt euro (€500) minn ATM ta' l-HSBC li tinsab fi Triq Manwel Dimech,

Sliema għad-dannu ta' Martin Gauci u persuni oħra, liema serq hu aggravat bl-ammont u bil-ħin;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel tiewemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq bi ħsara ta' Martin Gauci u l-HSBC plc.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' april, 2008 fejn l-imputat ammetta it-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 308, 309 u 310(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u l-fatt li l-imputat għin fl'investigazzjoni ulterjuri ta' dan id-delitt. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometta reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jirrifondi s-somma ta' disgħin euro (€90) lil Martin Gauci in linea ta' danni fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------